KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 486 (9-29)**

**It-Tnejn 11 ta' Mejju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fis-7.30pm)
Il-Kunsillier Dominic Grech (daħal għal-laqgħa fis-6.20pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fis-6.20pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**486.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**486.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**486.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 485 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**486.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**486.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**486.3.1** Trasmissjoni tal-Festa San Nikola 2026

Is-Sindku preżenta korrispondenza minn UTV għal xandiriet tal-festa. Hu qal li dan l-istazzjon huwa popolari mal-anzjani u jkunu jistgħu igawdu l-festa minn darhom. Il-ħlas mitlub huwa ta' €100. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**486.3.2** Minuti tal-Kunsill Lokali tat-Tfal Rights

Is-Sindku preżenta l-minuti tal-kunsill lokali tat-tfal tal-laqgħa t'April, fejn it-tfal preżentaw diversi suġġerimenti u proposti li jixtiequ fil-lokalita'. Is-Sindku elenka il-proposti u qal li hemm diversi minnhom diġà qed naħdmu fuqhom biex jiġu attwati. Hu rringrazja lil dawn it-tfal talli jagħtu kontribuzzjoni minn eta' daqshekk żgħira.

**486.3.3** Approvazzjoni minn TM tal-proposta tat-traffiku Pjazza San Nikola

Is-Sindku preżenta l-approvazzjoni tal-proposta tat-traffiku fi Pjazza San Nikola. Hu qal li din għandna tiġi implimentata f'fażijiet. Talab li tinġieb stima itemised biex naraw l-ispiża u naraw kif ser tibda l-implimentazzjoni.

**486.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**486.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**486.5.1** Il-Viċi Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech qed jiġu identifikati monumenti li għandhom bżonn intervent. Hu qal li l-konservazzjoni li jmiss għandha tkun tal-monument tat-Tabib Nikola Zammit fir-roundabout. Qal li qed jinġiebu stimi ħalli naraw xi spejjeż hemm. Il-Kunsillier Dominic Grech irrefera għal ftehim fis-sena 2024 mal-Każin Banda San Nikola biex isiru arbli mad-dawra tal-istess roundabout, hu talab li jiġi ċċekkjat il-ftehim f'każ li kien hemm xi klawsola li l-manutenzjoni hija inkluża. Niċċekjaw ukoll mal-KBSN jekk l-arbli hux ser isiru għal festa ta' din is-sena.

**486.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-Ħamis li għadda saret il-ħarġa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, fejn attendew 50 persuna mis-Siġġiewi. Hu qal li l-anzjani qed jitolbu li l-ħarġa li jmiss tkun waħda kulturali. Qal li qed jikkordina mal-amministrazzjoni rigward it-tindif u ġbir ta' skart fil-festa San Nikola, b'koordinazzjoni mar-Reġjun Punent. Beda wkoll it-tindif rurali b'konnessjoni mal-festa u ħruq tan-nar, fejn pjanat li fis-6 ta' Ġunju jinġabu uffiċjali għal qtugħ ta' ħaxix fit-triq Ta' Kandja. Il-Kunsillier qal li inbidlu l-bins tad-dawra tal-iskola għal oħrajn ġodda u li kien hemm għadhom kundizzjoni tajba, tbiddlu ma' dawk imkissrin tal-ġnien Albert Fenech. Qed jikkoordina mal-ERA dwar possibilta' ta' cctv fil-Wied tal-Hesri fejn qed ikun hemm sikwit abbuż, u wara spezzjoni dawn qalu li m'hemmx lok għax ma rawx ħmieġ. Hu qal li malli l-kunsill ikollu rapport ta' rimi illegali, dan jinġabar minnufih biex nevitaw li jkompli jiżdied, iżda dan ma jfissirx li l-problema mhux qegħda hemm.

Hu qal li qed isir koordinament biex cctv eżistenti li mhix tintuża tiġi installata fil-pjazzetta quddiem il-kappella ta' Ħal Xluq. Hemm bżonn inkellmu lill-Arċipriet biex jittieħed is-supply tad-dawl mill-kappella anka għal fatt li din ser isservi biex tissalvagwardja l-istess kappella.

**486.5.3** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo qalet li saret l-attivita' tat-taħwil tas-siġar mat-tfal tal-iskola u anke qed issir it-tisqija tagħhom regolari anke mill-grupp tal-iscouts. Bħalissa qed tikkoordina għal xiri ta' kotba bil-fondi tar-Reġjun biex jingħataw lill-librerija, l-iskola u anke lill-group tal-quddies tat-tfal. Il-Kunsilliera qalet li l-attività għat-tfal tas-sitt sena qed tiġi koordinata biex issir mixja l-Buskett sa Għar il-Kbir u re-enactment minn LegioX ta' żmien ir-Rumani li tispiċċa b'cook-out. Hija qalet li f'din l-attivita' ser jgħinu membri mill-iscouts group. Din l-attivita' ser tiġi koordinata mal-Erasmus Mindcraft. L-attivita' ser ikollha attendenza totali ta' 80 student u ser issir bil-koordinazzjoni mal-iskola primarja.

**486.5.4** Il-kunsillier Albert Pace qal li qed isegwi ix-xogħolijiet fil-Bajja ta' Għar Lapsi. Hu qal li it-tender qiegħed fil-fażi ta' appell u malli jispiċċa jkun jista' jibda x-xogħol. Il-Kunsillier Charles Vassallo saqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill ikollu pjan ta' kif ġej il-proġett. Dan anke wara li kien hemm konsultazzjoni pubblika minn naħa tal-Public Works Department u eventwalment ma nafux x'ġie deċiż li jsir. Is-Sindku wera l-aħħar pjanta li rċieva tat-taraġ u r-rampa li qegħdin isiru. Hu talab li tissejjaħ laqgħa mal-perit Mario Ellul għal aġġornament.

**486.5.5** Il-Kunsillier Dominci Grech qal li qed jikkordina mal-Viċi Sindku dwar il-proġett ta-restawr. Huwa saqsa dwar follow-ups ta' talba għal yellow lines fi Triq Ta' Brija u dwar l-installazzjoni ta' bus shelter fit-triq it-tabib Nikola Zammit quddiem il-binja Silvio Parnis. Is-Sindku wieġeb li dwar il-linji ser issir site inspection biex naraw x'l-aħjar isir għal aċċessibilita iżda possibbilment biex ma jintilifx parkeġġ jekk possibbli u dwar il-bus shelter qal li dan ma jiddependix mill-kunsill iżda jidher li l-proċess għall-installazzjoni mal-kumpanija faces mhux miexi. Dan jgħodd ukoll għal talba għal bus shelter fi Triq Blat il-Qamar fejn qegħda fil-pjan ta' meta ssir it-triq.

**486.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**486.6.1** Vjal Kulħadd
Is-Sindku informa li x-xogħol miexi sew in-naħa tal-ground tal-mużew, issa tlestew is-servizzi tal-ilma, drenaġġ u Waste Water. Wara jmiss titkompla l-bankina u jibdew il-parking bays ħalli sa' qabel il-jiem tal-festa jkunu jistgħu jitqegħdu il-kiosks kif inhu dovut. Hu qal li bi ftehim mal-kuntrattur ix-xogħol ser jieqaf ftit għal jiem tal-festa biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent għar-residenti.

**486.6.2** Reading Garden
Is-Sindku qal li jonqos ftit xogħol tal-aħħar, bħalissa qed ilesti it-trejqa ta' taħt. Huwa pjanat li l-inawgurazzjoni minn Green Projects isir fit-22 ta' Mejju, għad ma rċevejniex dettalji. Rigward iċ-ċerimonja f'ġieħ Fr Nicholas Cachia għandha tinstab data adattata wara, għax il-ġimgħa ta' wara ser tinzerta l-elezzjoni. Is-Sindku qal li għaż-żewġ attivitajiet għandhom ikunu mistiedna l-familjari ta' Fr Nicholas. Il-Kunsillier Dominic Grech talab li jkun involut fl-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjoni f'ġieh Fr Nicholas.

**486.6.3** Xogħol fi Triq Bur il-Kbir
Is-Sindku qal li kif diġà qal f'seduta preċedenti, mhux kuntent bir-ritmu tax-xogħol li miexi bil-mod wisq. Hu qal li dan ix-xogħol qed iwaħħal il-proġett ta' Triq Blat il-Qamar u qed ikun hemm dewmien żejjed.

**486.6.4** Tenders
Is-Sindku informa li t-tenders LCS9/2025 tal-latrina tal-Pjazza ġie ppublikat u jagħlaq fil-15 ta' Ġunju 2026. Qal ukoll li qed insegwu l-applikazzjoni mal-PA għall-fondi ta'dan il-proġett li qed tiġi proċessata.

**486.6.5** It-tender LCS52/2025 ġie ppublikat u jagħlaq ukoll fil-15 ta' Ġunju 2026. Dan il-vann ser jintuża mill-ħaddiema tal-kunsill għal xogħolijiet fuq barra.

**486.7** **Laqgħa Pubblika**
Is-Sindku ippropona li l-laqgħa annwali kif provdut fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993 issir fit-12 ta' Ġunju 2026. Dan fid-dawl li dawn l-aħħar ġimgħat kien impossibbli li tinżamm din il-laqgħa minħabba diversi impenji. Il-Kunsill unanimament qabel.

**486.8** **Festa San Nikola 2026**

**486.8.1** Is-Sindku qal li diġà saru laqgħat mal-istakeholders prinċipali tal-festa, l-arċipriet, il-pulizija u l-għaqdiet dwar il-loġistika. Hu qal li ser nimxu kollox bħas-sena l-oħra. Inbidlet ftit il-proċedura tal-permessi minn naħa tal-pulizija, fejn qabel kienet bil-formoli manwali issa ġie kollox tramite sistema iżda jidher li ħafna għaqdiet diġà applikaw u qed jiġu proċessati mill-amministrazzjoni. Is-Sindku qal li l-uniku applikazzjoni differenti din is-sena hija mill-Għaqda tan-Nar li qed titlob l-għeluq tal-pjazza minn ġranet qabel, xi ħaġa li s-soltu ma ssirx. Is-Sindku propona li għalkemm jiżdied ll-inkonvenjent, jekk din isservi bħala mezz ta' sigurtà għandna nħallu f-idejn il-pulizija biex tingħalaq. Intalab ukoll permess għal tqegħid ta' container wara l-kappella ta' San Ġwann fejn is-soltu jsir blue parking temporanju, u talab iktar informazzjoni dwar id-durata u meta ser jitneħħa, u li jinstab post alternattiv għall-parkeġġ blue.

**486.9** **Update: Bord ta' claims**

Is-Sindku rrefera għal minuti 485.7 fejn il-Kunsill approva l-ħatra ta' bord. Hu qal li intalab il-parir tad-Direttur Ġenerali dwar dan fejn ġejna riferuti għal Ċirkulari 3/2024 'Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens'. Is-Sindku qara l-kontenut tal-proċedura u irrefera għal item 5 fl-istess ċirkulari li tgħid: *'meta jevalwa dawn it-talbiet, wara li janalizza d-dokumentazzjoni u kull evidenza prodotta, li jkun kiseb il-parir fejn neċessarju....'* Is-Sindku qal li għalhekk huwa regolari li l-Kunsill jitlob parir u talab li tinħareġ sejħa għal interess ta' persuna teknika biex isservi fuq il-bord. Il-Kunsill unanimament qabel.

**486.10** **Update: proġett tisbiħ Kappella Ħal Xluq**

Is-Sindku ppreżenta brief ta' sejħa ta' nteress għal disinn għall Pjazza ta' Ħal Xluq. Huwa qal li għandu jkollna qafas lest għal meta jkun hemm opportunita' ta' fondi. Huwa qal li din il-metodoloġija tista' tintuża anke għad-disinn tal-Pjazza. Is-Sindku qal li rridu naraw metodu regolari għal premju jekk tkun forma ta' kompetizzjoni. Qal ukoll li bħala bażi għandu jsir survey tal-area. Il-Kunsill qabel mal-kriterji imsemmija fil-brief u li niffinaliżżaw id-draft ħalli toħroġ is-sejħa.

Il-Kunsillier Christopher Farrugia daħal għal laqgħa fis-7.30pm.

**486.11** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-awtorità tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**486.12** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**486.13** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**486.14** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**486.15** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

Il-Kunsillier Charles Vassallo talab li l-Kunsill ikollu aġġornament dwar ix-xogħolijiet fi Triq Nikola Bonello.

Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm ħsara estensiva fil-bandli ta' Għar Lapsi. Huwa saqsa jekk hemmx xi pjan għat-tiswija. Is-Sindku qal li qed naraw fonti ta' finanzjament. Huwa qal li ikkomunikaw miegħu Green Projects għal eventwalita' ta' proġett. Qal li diġà kienet saret stima iżda wara l-maltemp il-ħsarat żdiedu sostanzjalment. Il-Kunsillier Pace talab li jkollna stima kompluta tal-ħsarat.

Il-Kunsillier Albert Pace qal li hawn diversi ħsarat ta' bozoz li ilhom. Is-Sindku qal li it-tiswija meta tkun ħsara tal-Enemalta qed iddum ħafna. Il-Kunsillier Pace talab li jkollu lista ta' rapporti pendenti mal-Enemalta.

**486.16** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-7.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

.

Konfermati, illum 15 ta' Ġunju 2026

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |